**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2099**

**tat-28 ta' Settembru 2023**

**li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Irlanda tax-xewqa tagħha li taċċetta u li tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 ([1]),

Billi:

(1) Permezz ta' ittra lill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2023, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 21), li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2022/850.

(2) Ma hemm l-ebda kundizzjoni marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2022/850, u mhumiex meħtieġa miżuri tranżitorji.

(3) Jeħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2022/850 għalhekk tiġi kkonfermata.

(4) Sabiex l-Irlanda tkun tista' tapplika r-Regolament (UE) 2022/850 kemm jista' jkun malajr, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2022/850 hija kkonfermata.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1.